**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO BA. LL.D.**

**Illum, is-27 ta' Frar 2025**

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Darryl Farr)

**KONTRA**

**ALYIA SOPHIE C DENEUMOSTIER**
(detentriċi tal-karta tal-identita' Belġjana bin-numru 595-0382986-48)

**IL-QORTI,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' ALYIA SOPHIE C DENEUMOSTIER ta' 18 il-sena, Amdy Deneumostier u Somdume Desillers, imwielda nhar it-12 ta' Frar 2007, gewwa l-Belgju u toqghod Hotel Noru, room 1101, Triq Elija Zammit, San Giljan u detentrici tal-karta al-identita' Belgjana bin-numru 595-0382986-48, akkuzata talli nhar il-25 ta' Frar 2025 **ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghodu (06:30hrs) u fil-hin ta' qabel gewwa Triq San Gorg San Giljan u/jew gewwa L-Isptar Mater Dei, Msida u/jew fil-vicinanzi:-**

1. Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, li saret bi vjolenza pubblika fuq il-persuna ta' PC1002 Anabelle Cauchi u/jew PC204 Shania Tabone, persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi heddet, jew ghamlet offiża fuq il-persuna ta' PC1002 Anabelle Cauchi u/jew PC204 Shania

Tabone, inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qedin jaghmlu jew minħabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżgħhom jew li tinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamlet offiza fuq il-persuna ta' PC1002 Anabelle Cauchi li titqies li hija hafifa hekk kif ccertifikata minn Dr. J.Rapa numru ta' registrazzjoni 2408 mil-Isptar Generali ta' Ghawdex;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamlet offiza fuq il-persuna ta' PC204 Shania Tabone li titqies li hija hafifa hekk kif ccertifikata minn Dr. S.Cakar numru ta' registrazzjoni 8061 mic-centru tas-sahha tal-Floriana;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament qalet fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti jew ghamlet atti jew gesti oxxeni jew b`mod iehor offendiet id-dicenza pubblika;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqset li tobdi l-ordnijiet leggittimi moghtija minn ufficjali Pubblici inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallietx jew fixklet waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom jew b xi mod iehor, bla jedd, indhalt fi dmirijiet, billi ma hallejtx lill haddiehor jaghmel dak li b' ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gibt fix-xejn jew hassart dak li haddiehor kien ghamel skond il-Ligi jew b xi mod iehor li jkun;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gibt ruhek b'mod li seta' jinkiser il-bon ordni.

**Din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba sabiex:**

i. Tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom;

ii. Kemm-il darba tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A u Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens xieraq lill-parti jew partijiet leżi;

iii. F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi il-Qorti hija ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża, u ċioe' ta' **PC1002 Anabelle Cauchi u/jew PC204 Shania Tabone**, u jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tiegħu minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużati skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża u l-familja tiegħu, ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-imputata tiddikjara u sussegwentament terġa' tikkonferma li hija ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u dan wara li l-Qorti tata l-opportunita' sabiex terġa lura mill-istess ammissjoni, wara li solennement spjegatielha il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tata żmien tirrikonsidra l-ammissjoni tagħha u terġa' tikkonsulta mal-avukat tagħha.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet in kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata fejn il-Qorti ġiet infurmata li hemm qbil bejn il-partijiet li l-piena idoneja hija dik ta' sentenza sospiża fil-massimu tagħha flimkien ma' multa fl-ammont ta' Eur. 8000.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata, l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha ġew kollha ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi;

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura gravi tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputata ser tinsab ħatja, liema imputazzjonijiet jinkludu aggressjoni fuq uffiċjali tal-pulizija. Konsegwentament fil-fehma ta' din il-Qorti l-piena idoneja fiċ-ċirkostanzi hija dik ta' priġunerija effettiva. Madanakollu din il-Qorti ħadet ukoll kont tal-

ammissjoni tal-imputata fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri odjerni. Ħadet ukoll kont tal-fedina penali netta tal-imputata. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet din il-Qorti taqbel ma dak sottomess mill-partijiet u ċioe' li l-piena ta' priġunerija ma għandhiex tkun waħda effettiva.

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96, 221, 338(bb), 338(ee), 338(dd), 338(g) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lill-qua imputata Alyia Sophie C Deneumostier ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u konsegwentament qed tikkundannaha għal sentejn priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ma għandhomx jidħlu fis-seħħ sakemm il-ħatja ma tikkommettiex delitt ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien erba' snin millum. In oltre l-Qorti qed tikkundana lill-ħatja għall-multa ta' Eur. 8000.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-reponsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża hawn fuq indikat.

Finalment din il-Qorti qed tordna ukoll li kopja eletronika tal-atti u s-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skond il-liġi.

_____________________________

**MAĠISTRAT Dr. Elaine Rizzo BA. LL.D.**

_________________________

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**